# QORTI CIVILI – PRIM’AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Hamis, 21 ta’ Gunju, 2001**

**Numru 8**

**Cit. Nru. 913/01 GCD**

**Forestals (Appliances) Limited**

**Vs**

**Carmelo Dimech**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta` Forestals (Appliances) Limited fis-somma ta’ elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1,300) rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata mill-istess socjeta` attrici;

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa’ inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, a tenur ta' l-artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` attrici pprezentat dikjarazzjoni illi Dr. Tanya Sammut in rapprezentanza tal-istess socjeta` ikkonfermat taht gurament illi l-konvenut ma ghandu l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tas-somma dovuta;

Talbet illi din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi u b'dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12):-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1,300) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u ikkonsenjata mis-socjeta` Forestals (Appliances) Limited;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' April 2001 u tal-mandati kawtelatorji ta' qbid nru. 1468/01 AC u ta' sekwestru nru. 1470/01 u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali u cjoe` mill-15 ta' Mejju 2001 sal-pagament effettiv.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Tanya Sammut u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm